MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2007

Numru. 947/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Mercieca)**

**VS**

**Mario Grogan ta’ 52 sena, iben Alfred u Antonia nee` Grech, imwieled Kalkarafit-8 ta’ Settembru, 1954 u li joqhod nru. 134, Castlemage, Triq is-Sienja , Kalkara, detentur tal-karta ta’ l-identita` nur.  803754M**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjoni migjuba konta l-imputat Mario Grogan u cioe ` talli fl-10 ta’ Gunju, 2005,. u/jew fil-jiem ta’ qabel,

u/jew fil-jiem ta’ waa din id-data, f’dawn il-Gzejjer, xjentament, ilqajt ghandek jew xtrajt *mobile phone top-up vouchers* tal-Vodafone u tal-Go-Mobiel, fl-ammont li jecedi l-mitt lira Maltain imma inqas minn elf lira Maltin, li kienu misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, jew xjentament, b’kull mod li jkun, indhalt biex tbiegghom jew tmexxihom;

Semghet il-provi;

Rat id-dokumenti esebiti;
Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattat bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni registrata mill-imputat u dan anke wara li l-Qorti tghatu zmien xieraq biex jirrikunsidra l-istess ammissjoni;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl ta’ din l-ammissjoni l-Qorti ma tistghax hlief issib lill-imputat hati ta’ l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu;

Illi dwar il-piena il-Qort sejra tieghu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija ta’ l-imputat, il-fatt li l-imputat ikkopera bis-shih mal-pulizija u  li l-fedina penali tieghu tirrifletti reata ta; natura minima hafna u li l-imputat iddispjacieh ghal dak li ghamel;

Il-Qorti, ghaldaqstant,  taqta’ u tiddeciedi billi wara li rat l-artikolu 339 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta fuq ammissjoni ta’ l-implutat issibu hati ta’ l-akkuza kif migjuba kontra tieghu izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula  bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn mil-lum.

Il Qorti qed twissi lill-imputat bil-konsegwenza skond il-ligi jekk huwa jikkommetti xi reat matul il-perjodu ta’ liberta’ kundizzjonata.

Edwina Grima
Magistrat

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------